# La tigdibx

*(Mill-Ingliż)*

*Żewġ ħaddiema mġewħa li kienu qegħdin ifittxu x-xogħol, waslu nhar ta' ġimgħa f'raħal fejn kien igħammar qassis tagħna l-Insara, imsemmi għal tjubitu mal-fqar.*

*"Hawn ma nagħmlu xejn" qabeż qal wieħed minnhom "jekk huwa jinduna li aħna Lhud, għalhekk jien ngħidlu li jien nisrani."*

*"Agħmel kif trid, iżda jien ngħidlu s-sewwa" — wieġeb l-ieħor.*

*Ħabbtu l-bieb u talbu xi ħaġa tal-Karità.*

*Il-qassis saqsiehom min huma, wieħed wieġeb li hu Nisrani u l-ieħor li ma hux. Qalilhom jistennew xi ftit u daħal ġewwa. Wara ftit ġie u ġieb miegħu żewġ sjetti; f'wieħed minnhom kien hemm nofs tiġieġa l-forn u l-ieħor ftit ross mgħolli. Lil dak li qal li huwa nisrani qallu: "Billi int Nisrani, il-lum il-ġimgħa ma tniġġisx u jisgħobbija bil-bosta iżda ma għandix ħaġ'oħra ħlief dan ir-ross x'intik." Dar fuq l-ieħor u qallu: "Int, ġa ladarba m'intix magħna, naħseb li tista' tiekol il-laħam, u newwillu s-sjett bit-tiġieġa".*

C. Micallef Decaro.